SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Għaxar Awla)

8 ta' Mejju 2025 *

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Politika soċjali – Xogħol għal żmien determinat – Direttiva 1999/70/KE – Ftehim qafas bejn CES, UNICE u CEEP fuq ix-xogħol għal żmien determinat – Il-punt 1 tal-Klawżola 4 – Prinċipju ta' nondiskriminazzjoni tal-ħaddiema għal żmien determinat – Kamp ta' applikazzjoni – Kunċett ta' 'kundizzjoni ta' impjieg' – Ħaddiema agrikoli għal żmien determinat – Kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali kkalkolati skont ir-remunerazzjonijiet – Remunerazzjonijiet tal-ħaddiema agrikoli għal żmien determinat stabbiliti skont is-sigħat ta' xogħol ta' kuljum imwettqa – Remunerazzjonijiet tal-ħaddiema agrikoli għal żmien indeterminat stabbiliti skont is-sigħat ta' xogħol ta' kuljum b'rata fissa"

Fil-Kawżi magħquda C-212/24, C-226/24 u C-227/24,

li għandhom bħala suġġett talbiet għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Corte d'appello di Firenze (il-Qorti tal-Appell ta' Firenze, l-Italja), permezz ta' deċiżjonijiet tat-8 ta' Jannar 2024, li waslu fil-Qorti tal-Ġustizzja fid-19 u s-26 ta' Marzu 2024, fil-proċeduri

L. T. s.s. (C-212/24),

A.M. (C-226/24),

XXX (C-227/24)

vs

Istituto nazionale della previdenza sociale (INPS),

fil-preżenza ta':

Agenzia delle entrate – Riscossione,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Għaxar Awla),

Komposta minn D. Gratsias, President tal-Awla, E. Regan u B. Smulders (Relatur), Imħallfin,

Avukat Ġenerali: J. Richard de la Tour,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

* Lingwa tal-kawża: it-Taljan.

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal L.T. s.s., A.M., XXX, minn L. Giraldi u I. Pagni, avvocati,

– għall-Istituto nazionale della previdenza sociale (INPS), minn C. D'Aloisio, E. De Rose, E. A. Sciplino u A. Sgroi, avvocati,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn S. Delaude u D. Recchia, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni meħuda, wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li taqta' l-kawża mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talbiet għal deċiżjoni preliminari jirrigwardaw l-interpretazzjoni tal-punt 1 tal-Klawżola 4 tal-Ftehim qafas dwar xogħol għal terminu fiss, konkluż fit-18 ta' Marzu 1999 (iktar 'il quddiem il-"Ftehim qafas") li jinsab fl-Anness tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 dwar il-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u mis-CEEP (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 3, p. 368).

2 Dawn it-talbiet tressqu fil-kuntest ta' tliet tilwimiet bejn L.T. s.s., A.M. u XXX, minn naħa, u l-Istituto nazionale della previdenza sociale (INPS) (l-Istitut Nazzjonali tas-Sigurtà Soċjali (INPS), l-Italja), min-naħa l-oħra, dwar il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali li għandhom jitħallsu mill-impriżi li jimpjegaw ħaddiema agrikoli għal żmien determinat.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

3 L-Artikolu 1 tad-Direttiva 1999/70 jipprovdi:

"L-iskop ta' din id-Direttiva hu li jġib fis-seħħ il-ftehim qafas dwar kuntratti għal terminu fiss konkluż fit-18 ta' Marzu 1999 bejn l-organizzazzjonijiet ġenerali ta' l-industrija (ETUC, UNICE u CEEP) annessi hawn."

4 It-tielet paragrafu tal-preambolu tal-Ftehim qafas għandu jinqara' kif ġej:

"Dan il-ftehim jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġiet minimi li jirrelataw għal xogħol ta' terminu fiss [żmien determinat], waqt li jirrikonoxxi li l-applikazzjoni ddettaljata tagħhom jeħtieġ li tieħu kont tar-realtajiet ta' sitwazzjonijiet nazzjonali, settorali u staġjonali. Juri d-dispożizzjoni ta' l-Imsieħba Soċjali li jistabbilixxu qafas ġenerali biex jiżguraw trattament ugwali għal ħaddiema għal terminu fiss [żmien determinat] billi jipproteġuhom kontra d-diskriminazzjoni u għall-użu ta' kuntratti ta' l-impjieg għal terminu fiss [żmien determinat] fuq bażi aċċettabbli għal min jimpjega u l-ħaddiema."

5 Il-klawżola 1 tal-Ftehim qafas, intitolata “L-iskop”:

“L-iskop ta’ dan il-ftehim qafas hu:

(a) li titjieb il-kwalità ta’ xogħol għal terminu fiss billi tiġi żgurata l-applikazzjoni tal-prinċipju ta’ non-diskriminazzjoni;

(b) li jistabbilixxi qafas biex jipprevjeni l-abbuż ikkawżat mill-użu ta’ kuntratti jew relazzjonijiet suċċessivi ta’ l-impjieg għal terminu fiss.”

6 Il-klawżola 2 tal-Ftehim qafas, intitolata “L-iskop [Kamp ta’ applikazzjoni]”, tipprevedi fil-punt 1 tagħha:

“Dan il-ftehim japplika għal ħaddiema għal terminu fiss [żmien determinat] li għandhom kuntratt ta’ impjieg jew relazzjoni ta’ impjieg kif definit fil-liġi, fil-ftehim kollettiv jew fil-prattika f’kull Stat Membru.”

7 Il-klawżola 3 tal-Ftehim qafas, intitolata “Definizzjonijiet”, tistipula:

“1. Għall-iskop ta’ dan il-ftehim il-kliem ‘ħaddiem għal terminu fiss [żmien determinat]’ ifisru persuna li jkollha kuntratt jew relazzjoni ta’ l-impjieg direct bejn min jimpjiega u ħaddiem meta l-aħħar tal-kuntratt jew tar-relazzjoni ta’ l-impjieg hu ddeterminat b’kondizzjonijiet oġġettivi bħal li jilħaq data speċifika, ilesti xogħol speċifiku, jew it-twettiq ta’ każ speċifiku.

2. Għall-iskop ta’ dan il-ftehim, il-kliem ‘ħaddiem kumparabbli permanenti’ ifissru ħaddiem b’kuntratt jew relazzjoni ta’ impjieg għal żmien indefinit, fl-istess stabbiliment, ingaġġat fl-istess xogħol jew xogħol/impjieg simili, wara li tingħata attenzjoni xierqa lill-kwalifiki/kapaċitajiet. Meta ma jkun hemm ebda ħaddiem kumparabbli permanenti fl-istess stabbiliment, il-paragun għandu jsir b’referenza għall-ftehim kollettiv applikabbli, jew meta ma jkun hemm ebda ftehim kollettiv applikabbli, skond il-liġi nazzjonali, il-ftehim kollettiv jew il-prattika.”

8 Skont il-klawżola 4 tal-Ftehim qafas, intitolata “Il-prinċipju ta’ non-diskriminazzjoni”:

“1. Fejn għandhom x’jaqsmu l-kondizzjonijiet ta’ l-impjieg, ħaddiema għal terminu fiss m’għandhomx jiġu trattati b’mod inqas favorevoli minn ħaddiem kumparabbli permanenti biss minħabba li għandhom kuntratt jew relazzjoni għal terminu fiss sakemm trattament differenti ma jkunx ġustifikat fuq bażi oġġettiva.

2. Meta approprjat, għandu japplika l-prinċipju ta’ *pro rata temporis*.

3. L-arranġamenti għall-applikazzjoni ta’ din il-klawżola għandhom jiġu definiti mill-Istati Membri wara konsultazzjoni ma’ l-imsieħba soċjali u/jew l-imsieħba soċjali, wara li jiġu ikkunsidrati l-liġi nazzjonali, il-ftehim kollettiv u l-prattika tal-Komunità.

[…]”

Id-dritt Taljan

9 L-Artikolu 1(1) tad-decreto legge nº 338 – Disposizioni urgenti in materia di evasione contributiva, di fiscalizzazione degli oneri sociali, di sgravi contributivi nel Mezzogiorno e di finanziamento dei patronati (id-Digriet-Liġi Nru 338, li Jistabbilixxi Dispożizzjonijiet Urġenti fil-Qasam tal-Evażjoni Soċjali, tat-Tassazzjoni tal-Oneri Soċjali, tat-Tnaqqis tal-Kontribuzzjonijiet Soċjali fin-Nofsinhar u tal-Finanzjament tal-Istituti ta' Patrunaġġ), tad-9 ta' Ottubru 1989 (GURI Nru 237, tal-10 ta' Ottubru 1989), fil-verżjoni tiegħu applikabbli għall-kawżi prinċipali (iktar 'il quddiem id-"Digriet-Liġi Nru 338/1989"), jipprevedi:

"Ir-remunerazzjoni li għandha tittieħed inkunsiderazzjoni bħala bażi għall-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali ma tistax tkun inqas mill-ammont tar-remunerazzjonijiet stabbilit mil-liġijiet, mir-regolamenti, mill-ftehimiet kollettivi konklużi mill-organizzazzjonijiet sindakali l-iktar rappreżentattivi fuq il-livell nazzjonali, jew mill-ftehimiet kollettivi jew il-kuntratti individwali, fil-każ fejn minn dan l-ammont tirriżulta remunerazzjoni ogħla minn dik prevista mill-ftehim kollettiv."

10 Il-contratto collettivo nazionale di lavoro per gli operai agricoltori e florovivaisti (il-Ftehim Kollettiv Nazzjonali ta' Xogħol dwar is-Settur tal-Agrikoltura u tal-Florikultura), tas-6 ta' Lulju 2006 (iktar 'il quddiem iċ-"CCNL"), jiddefinixxi, fl-Artikolu 18(a) tiegħu, il-ħaddiema agrikoli għal żmien determinat bħala "il-ħaddiema li huma impjegati fil-kuntest ta' relazzjoni individwali ta' impjieg għal żmien determinat, bħal, pereżempju, dawk li huma impjegati sabiex iwettqu xogħol għal żmien qasir, jew xogħol staġjonali jew okkażjonali, jew għal fażijiet tax-xogħol jew sabiex jissostitwixxu ħaddiema assenti li għandhom id-dritt għaż-żamma tal-impjieg".

11 L-Artikolu 30(1) taċ-CCNL jistipula li "l-ħin tax-xogħol huwa ffissat għal 39 siegħa fil-ġimgħa, jiġifieri [sitt] sigħat u nofs kuljum" u l-Artikolu 40(1) taċ-CCNL jipprevedi li "l-ħaddiem għal żmien determinat għandu dritt għall-ħlas tas-sigħat ta' xogħol effettivament maħduma matul il-ġurnata".

Il-kawżi prinċipali u d-domandi preliminari

12 Fix-xahar ta' Diċembru 2013, l-INPS b'mod partikolari ordna lir-rikorrenti fil-kawża prinċipali jħallsuh kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali addizzjonali għal dawk diġà mħallsa għall-ħaddiema agrikoli għal żmien determinat li huma kienu impjegaw matul is-snin 2006 u 2007. Skont l-INPS, dawn ir-rikorrenti kienu kkalkolaw b'mod żbaljat il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali tagħhom dovuti għall-imsemmija ħaddiema sa fejn huma kienu ħadu inkunsiderazzjoni, għal dan il-kalkolu, sigħat effettivament maħduma minn dawn tal-aħħar minflok it-tul ta' xogħol ta' kuljum ta' sitt sigħat u nofs, kif stabbilit fl-Artikolu 30(1) taċ-CCNL.

13 Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali ppreżentaw rikors kontra din l-ordni tal-INPS quddiem it-Tribunale di Grosseto (il-Qorti ta' Grosseto, l-Italja), li laqgħet dan ir-rikors.

14 L-INPS appella mis-sentenza ta' din il-qorti quddiem il-Corte d'appello di Firenze (il-Qorti tal-Appell ta' Firenze, l-Italja). Din l-aħħar qorti ddeċidiet li t-talbiet għal ħlas tal-INPS kienu fondati għar-raġuni li, fid-dawl tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni bejn ħaddiema għal żmien indeterminat u ħaddiema għal żmien determinat u tal-Artikolu 30(1) taċ-CCNL, l-ammont

tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali dovuti mill-persuni li jimpjegaw lil dawn il-ħaddiema tal-aħħar kellu jiġi kkalkolat fuq il-bażi ta' remunerazzjoni stabbilita għal tul ta' xogħol ta' sitt sigħat u nofs u mhux skont is-sigħat ta' xogħol effettivament maħduma.

15 Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali ppreżentaw appelli quddiem il-Corte suprema di cassazione (il-Qorti Suprema tal-Kassazzjoni, l-Italja), li kkonstatat, inizjalment, li, skont id-dispożizzjonijiet magħquda tal-Artikolu 1(1) tad-Digriet-Liġi Nru 338/1989 u tal-Artikolu 40(1) taċ-CCNL, il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali dovuti mill-persuni li jimpjegaw fis-settur agrikolu fuq ir-remunerazzjonijiet imħallsa lill-ħaddiema agrikoli għal żmien determinat għandhom jiġu kkalkolati biss skont is-sigħat ta' xogħol effettivament maħduma, sakemm dawn il-persuni li jimpjegaw ma jiddeċidux li, meta sseħħ interruzzjoni tal-attività minħabba forza maġġuri, dawn il-ħaddiema għandhom jibqgħu għad-dispożizzjoni tagħhom fis-sit tal-operat.

16 F'dan ir-rigward, il-Corte suprema di cassazione (il-Qorti Suprema tal-Kassazzjoni) fakkret li l-Artikolu 30(1) taċ-CCNL, li jipprevedi li l-ħin tax-xogħol huwa ffissat għal 39 siegħa fil-ġimgħa, jiġifieri għal sitt sigħat u nofs kuljum, sempliċement jindika t-tul massimu, fil-ġimgħa u ta' kuljum, ta' xogħol, mingħajr madankollu ma jippreċiża t-tul minimu ta' xogħol. Billi jipprovdi li l-ħaddiem għal żmien determinat għandu dritt għall-ħlas tas-sigħat ta' xogħol effettivament maħduma matul il-ġurnata, l-Artikolu 40(1) taċ-CCNL jistabbilixxi regola loġikament inkompatibbli mal-kunċetti ta' ħin tax-xogħol fil-ġimgħa u tal-ħin tax-xogħol ta' kuljum peress li jissepara r-remunerazzjoni dovuta mir-riferiment għal ħin tax-xogħol stabbilit minn qabel li jista' jiġi ddefinit f'termini ġenerali u astratti. Din id-dispożizzjoni, li hija ispirata mill-karatteristiċi speċifiċi tax-xogħol agrikolu għal żmien determinat, hija konformi mar-regola ddikjarata fl-Artikolu 16(1)(d) tad-decreto legislativo n. 66 – Attuazione delle direttive 93/104/CE e 2000/34/CE concernenti taluni aspetti dell' organizzazione dell' orario di lavoro (id-Digriet Leġiżlattiv Nru 66 li Jimplimenta d-Direttivi 93/104/KE u 2000/34/KE dwar ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol), tat-8 ta' April 2003 (GURI Nru 87, tal-14 ta' April 2003, suppliment ordinarju Nru 61), li, billi ttrasponiet d-Direttiva tal-Kunsill 93/104/KE tat-23 ta' Novembru 1993 dwar xi aspetti ta' l-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 2, p. 197), kif emendata bid-Direttiva 2000/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 2000 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 27), tipprevedi li l-ħaddiema agrikoli għal żmien determinat għandhom jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar il-ħin tax-xogħol normali fil-ġimgħa.

17 Sussegwentement, fir-rigward tal-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, il-Corte suprema di cassazione (il-Qorti Suprema tal-Kassazzjoni) tippreċiża, minn naħa, li, bis-saħħa tal-Artikolu 1(1) tad-Digriet-Liġi Nru 338/1989, ir-remunerazzjoni li għandha sservi bħala bażi għal dan il-kalkolu ma tistax tkun inqas mill-ammont tar-remunerazzjonijiet stabbilit mil-liġijiet, mir-regolamenti u mill-ftehimiet kollettivi. Min-naħa l-oħra, hija tindika li, fir-rigward tal-ħaddiema agrikoli għal żmien determinat li għalihom il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali huma kkalkolati fuq il-bażi tas-sigħat effettivament maħduma, il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni fir-rigward tal-ħaddiema għal żmien determinat, li hija stabbilita fil-punt 1 tal-klawżola 4 tal-Ftehim qafas, ma tistax isservi bħala bażi għall-ħlas ta' kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali ikbar għall-ħaddiema agrikoli għal żmien determinat, sa fejn ir-relazzjonijiet bejn l-INPS u l-persuni li jimpjegaw f'dak li jirrigwarda l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni.

18 Konsegwentement, il-Corte suprema di cassazione (il-Qorti Suprema tal-Kassazzjoni) annullat is-sentenza tal-Corte d'appello di Firenze (il-Qorti tal-Appell ta' Firenze) u bagħtet lura l-kawża quddiemha.

19 Il-Corte d'appello di Firenze (il-Qorti tal-Appell ta' Firenze), li hija l-qorti tar-rinviju, tistaqsi dwar il-kompatibbiltà tal-konstatazzjoni magħmula mill-Corte suprema di cassazione (il-Qorti Suprema tal-Kassazzjoni), kif imsemmija fil-punt 15 ta' din is-sentenza, li l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali dovuti mill-persuni li jimpjegaw fis-settur agrikolu fir-rigward tar-remunerazzjonijiet imħallsa lill-ħaddiema agrikoli għal żmien determinat għandhom jiġu kkalkolati biss skont is-sigħat ta' xogħol effettivament maħduma, mal-punt 1 tal-klawżola 4 tal-Ftehim qafas.

20 F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju tqis, qabel kollox, li din il-klawżola tapplika għall-kawżi prinċipali. Fil-fatt, is-settur agrikolu ma huwiex eskluż mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 1999/70 u l-kundizzjonijiet ta' impjieg imsemmija mill-imsemmija klawżola jinkludu r-remunerazzjonijiet. Issa, il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali inkwistjoni fil-kawża prinċipali huma marbuta mar-remunerazzjoni dovuta lill-ħaddiema agrikoli għal żmien determinat, peress li, l-ewwel nett, fl-ordinament ġuridiku intern, dawn il-kontribuzzjonijiet huma dovuti fuq ir-remunerazzjoni kollha li għandha titħallas lil dawn il-ħaddiema u, it-tieni nett, l-imsemmija kontribuzzjonijiet jikkontribwixxu għall-ħlas tal-benefiċċji tas-sigurtà soċjali pprovduti mill-iskemi professjonali ta' sigurtà soċjali. Fir-rigward ta' dan l-aħħar aspett, il-qorti tar-rinviju tippreċiża li l-ammont tal-imsemmija benefiċċji huwa proporzjonali għat-tul tar-relazzjoni ta' impjieg u huwa marbut mal-ammont tar-remunerazzjoni, peress li l-ammont ta' dawn l-istess kontribuzzjonijiet jiddependi minn dan l-aħħar ammont. Minn dan hija tiddeduċi li ħaddiem agrikolu għal żmien determinat, li r-remunerazzjoni tiegħu hija kkalkolata biss skont is-sigħat ta' xogħol effettivament maħduma, bla dubju jirċievi benefiċċji inqas għoljin minn ħaddiem agrikolu għal żmien indeterminat li dejjem għandu ċ-ċertezza li se jirċievi remunerazzjoni minima stabbilita mill-ftehim kollettiv, indipendentement mis-sigħat effettivament maħduma.

21 Sussegwentement, il-qorti tar-rinviju tqis li l-konstatazzjoni magħmula mill-Corte suprema di cassazione (il-Qorti Suprema tal-Kassazzjoni), kif imsemmija fil-punt 15 ta' din is-sentenza, tista' tikser il-punt 1 tal-klawżola 4 tal-Ftehim qafas billi din twassal għal trattament inqas favorevoli tal-ħaddiema agrikoli għal żmien determinat meta mqabbel ma' dak riżervat għall-ħaddiema agrikoli għal żmien indeterminat, li huwiex iġġustifikat minn raġunijiet oġġettivi.

22 B'mod partikolari, il-qorti tar-rinviju tqis li l-ħaddiema agrikoli għal żmien determinat u dawk għal żmien indeterminat jinsabu f'sitwazzjoni paragunabbli peress li jwettqu l-istess kompiti. Issa, l-imsemmija konstatazzjoni magħmula mill-Corte suprema di cassazione (il-Qorti Suprema tal-Kassazzjoni) twassal sabiex il-ħaddiema agrikoli għal żmien determinat jiġu ttrattati b'mod inqas favorevoli mill-ħaddiema agrikoli għal żmien indeterminat li madankollu jwettqu xogħol paragunabbli. Fil-fatt, fir-rigward tal-ħaddiema agrikoli għal żmien determinat, il-persuna li timpjega hija libera li tiddetermina s-sigħat tax-xogħol tagħhom kif ukoll ir-remunerazzjoni tagħhom u, konsegwentement, l-ammont tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali kif ukoll dak tal-benefiċċji tas-sigurtà soċjali li minnhom jistgħu jibbenefikaw. Minn perspettiva oħra, il-ħaddiema agrikoli għal żmien indeterminat jiġu ggarantiti remunerazzjoni minima kuljum, ibbażata fuq tul ta' xogħol ta' kuljum ta' sitt sigħat u nofs, indipendentement mis-sigħat ta' xogħol effettivament maħduma. Għaldaqstant, il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali mħallsa mill-persuni li jimpjegawhom kif ukoll il-benefiċċji tas-sigurtà soċjali li minnhom jistgħu jibbenefikaw fuq il-bażi ta' dawn il-kontribuzzjonijiet huma ggarantiti peress li huma bbażati fuq din ir-remunerazzjoni minima ta' kuljum.

23 Fl-aħħar nett, il-qorti tar-rinviju tqis li, f'dan il-każ, la jeżistu raġunijiet oġġettivi marbuta mat-twettiq tax-xogħol ikkonċernat u lanqas elementi preċiżi u konkreti li jippermettu li tiġi ġġustifikata n-neċessità ta' trattament differenti tal-ħaddiema għal żmien determinat meta

mqabbel mal-ħaddiema għal żmien indeterminat. Ir-riskji speċifiċi għall-attività agrikola li jiddependu minn kundizzjonijiet meteoroloġiċi imprevedibbli jaffettwaw lill-ħaddiema agrikoli kollha, kemm jekk jiġu impjegati għal żmien determinat kif ukoll jekk jiġu impjegati għal żmien indeterminat.

24 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Corte d'appello di Firenze (il-Qorti tal-Appell ta' Firenze) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin, ifformulati b'mod identiku fil-Kawżi magħquda C-212/24, C-226/24 u C-227/24:

"1) Il-[punt 1 tal-klawżola 4] tal-Ftehim qafas għand[u] [j]iġi interpreta[t] fis-sens li [j]ipprekludi [klawżola] ta' ftehim kollettiv nazzjonali, bħal dik li tinsab fl-Artikolu 40 [taċ-CCNL], kif interpretata mill-Corte di Cassazione (il-Qorti tal-Kassazzjoni, l-Italja) b'mod vinkolanti għall-qorti tar-rinviju, li fir-rigward tal-ħaddiem agrikolu għal żmien determinat tirrikonoxxi d-dritt għall-ħlas ta' sigħat tax-xogħol effettivament maħduma matul il-ġurnata, kuntrarjament għall-Artikolu 30 preċedenti taċ-CCNL li jirrikonoxxi d-dritt għal remunerazzjoni għal ħaddiema agrikoli [għal żmien] indeterminat abbażi ta' jum tax-xogħol ta' 6.30 sigħat?

2) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għad-domanda preċedenti, il-[punt 1 tal-klawżola 4] tal-Ftehim qafas għand[u] [j]iġi interpreta[t] fis-sens li d-determinazzjoni tal-ammont tal-kontribuzzjoni obbligatorja tas-sigurtà soċjali dovuta favur ħaddiema agrikoli għal żmien determinat fi ħdan skema professjonali tas-sigurtà soċjali taqa' wkoll taħt id-definizzjoni ta' kundizzjonijiet tal-impjieg, bil-konsegwenza li għandu jiġi ddeterminat abbażi tal-istess kriterju bħal dak previst għall-ħaddiema agrikoli [għal żmien] determinat u għaldaqstant ikkalkolat abbażi tas-sigħat tax-xogħol ta' kuljum stabbiliti minn ftehim kollettiv, u mhux abbażi tas-sigħat effettivament maħduma?"

Fuq id-domandi preliminari

Fuq l-ammissibbiltà

25 Fl-ewwel lok, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali jqisu li d-domandi preliminari huma inammissibbli minħabba li l-INPS, bħala emanazzjoni tal-Istat, ma jistax jinvoka dispożizzjoni ta' direttiva li għandha effett dirett fil-konfront tagħhom.

26 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, fil-kuntest tal-kooperazzjoni bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-qrati nazzjonali stabbilita fl-Artikolu 267 TFUE, hija biss, bħala prinċipju, il-qorti nazzjonali, li quddiemha tkun tressqet il-kawża u li għandha tassumi r-responsabbiltà għad-deċiżjoni ġudizzjarja li għandha tingħata, li għandha tevalwa, fid-dawl tal-karatteristiċi tal-kawża, kemm il-ħtieġa ta' deċiżjoni preliminari sabiex tkun tista' tagħti s-sentenza tagħha kif ukoll ir-rilevanza tad-domandi li hija tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja. Konsegwentement, meta d-domandi magħmula jkunu jirrigwardaw l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja hija, bħala prinċipju, marbuta li tiddeċiedi (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-17 ta' Ottubru 2024, FA.RO. di YK & C., C-16/23, EU:C:2024:886, punt 33 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

27 Isegwi li d-domandi li jirrigwardaw id-dritt tal-Unjoni jibbenefikaw minn preżunzjoni ta' rilevanza. Ir-rifjut tal-Qorti tal-Ġustizzja li tagħti deċiżjoni dwar domanda preliminari magħmula minn qorti nazzjonali hija possibbli biss meta jkun evidenti li l-interpretazzjoni ta' regola tal-Unjoni mitluba ma jkollha ebda konnessjoni mal-fatti jew mas-suġġett tat-tilwima fil-kawża

prinċipali, meta l-problema tkun ta' natura ipotetika jew inkella meta l-Qorti tal-Ġustizzja ma jkollhiex għad-dispożizzjoni tagħha l-punti ta' fatt u ta' liġi neċessarji sabiex tirrispondi b'mod utli d-domandi li sarulha (sentenza tas-17 ta' Ottubru 2024, FA.RO. di YK & C., C-16/23, EU:C:2024:886, punt 34 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

28 Sussegwentement, mit-tielet paragrafu tal-Artikolu 288 TFUE, jirriżulta li n-natura vinkolanti ta' direttiva li fuqha hija msejsa l-possibbiltà li din tiġi invokata teżisti biss fir-rigward ta' "l-Istati Membri [destinatarji]". Konsegwentement, skont ġurisprudenza stabbilita, direttiva ma tistax minnha nnifisha toħloq obbligi fir-rigward ta' individwu u għalhekk ma tistax tiġi invokata bħala tali kontra tali persuna quddiem qorti nazzjonali (sentenza tat-22 ta' Diċembru 2022, Sambre & Biesme u Commune de Farciennes, C-383/21 u C-384/21, EU:C:2022:1022, punt 36 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

29 Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ukoll b'mod konsistenti li l-obbligu tal-Istati Membri, li jirriżulta minn direttiva, li jilħqu r-riżultat previst minnha kif ukoll id-dmir tagħhom li jadottaw il-miżuri ġenerali jew partikolari kollha xierqa sabiex jiżguraw l-eżekuzzjoni ta' dan l-obbligu jorbot lill-awtoritajiet kollha tal-Istati Membri, inklużi, fil-kuntest tal-kompetenzi tagħhom, lill-awtoritajiet ġudizzjarji. Meta japplikaw id-dritt nazzjonali, il-qrati nazzjonali mitluba jinterpretawh għandhom għalhekk jieħdu inkunsiderazzjoni, b'mod partikolari, ir-regoli kollha ta' dan id-dritt u japplikaw il-metodi ta' interpretazzjoni rrikonoxxuti minnu sabiex jinterpretawh, sa fejn possibbli, fid-dawl tat-test kif ukoll tal-għan tad-direttiva inkwistjoni sabiex jilħqu r-riżultat stabbilit minnha u sabiex b'hekk ikunu konformi mat-tielet paragrafu tal-Artikolu 288 TFUE (sentenza tal-1 ta' Ottubru 2020, A (Reklamar u bejgħ ta' prodotti mediċinali online), C-649/18, EU:C:2020:764, punti 38 u 39 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata). Ir-rekwiżit ta' interpretazzjoni konformi jinkludi, b'mod partikolari, l-obbligu, għall-qrati nazzjonali, li jimmodifikaw, jekk ikun il-każ, ġurisprudenza stabbilita jekk din tkun tistrieħ fuq interpretazzjoni tad-dritt nazzjonali inkompatibbli mal-għanijiet ta' direttiva. Għaldaqstant, qorti nazzjonali ma tistax validament tikkunsidra li huwa impossibbli għaliha li tinterpreta dispożizzjoni nazzjonali b'mod konformi mad-dritt tal-Unjoni, sempliċement minħabba l-fatt li din id-dispożizzjoni, b'mod kostanti, ġiet interpretata f'sens li ma huwiex kompatibbli ma' dan id-dritt (sentenza tal-15 ta' Ottubru 2024, KUBERA, C-144/23, EU:C:2024:881, punt 52 u l-ġurisprudenza ċċitata).

30 B'hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha ġurisdizzjoni sabiex tagħti deċiżjoni preliminari dwar l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni, indipendentement mill-punt dwar jekk dawn għandhomx effett dirett jew le bejn il-partijiet fil-kawża sottostanti (sentenza tal-14 ta' Ottubru 2020, KG (Assenjazzjonijiet suċċessivi fil-kuntest tax-xogħol termporanju) successives dans le cadre du travail intérimaire), C-681/18, EU:C:2020:823, punt 36 u l-ġurisprudenza ċċitata).

31 Għalhekk, il-fatt li d-Direttiva 1999/70 ma tistax, minnha nnifisha, toħloq obbligi fir-rigward tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali ma jistax iwassal għall-inammissibbiltà tad-domandi preliminari.

32 Fit-tieni lok, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali jsostnu li d-domandi preliminari huma inammissibbli peress li saru ipotetiċi fid-dawl tad-deċiżjoni tal-Corte suprema di cassazione (il-Qorti Suprema tal-Kassazzjoni) imsemmija fil-punt 18 ta' din is-sentenza. Fil-fatt, wara din id-deċiżjoni, il-qorti tar-rinviju ma għadhiex imsejħa tiddeċiedi dwar l-eżistenza ta' differenza fit-trattament bejn il-ħaddiema agrikoli għal żmien determinat u l-ħaddiema agrikoli għal żmien

indeterminat, iżda għandha tiddeċiedi biss il-kwistjoni dwar jekk is-sigħat ta' xogħol addizzjonali għandhomx jittieħdu inkunsiderazzjoni għall-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali dovuti għall-ħaddiema agrikoli għal żmien determinat.

33 Issa, mill-indikazzjonijiet tal-qorti tar-rinviju miġbura fil-qosor fil-punti 19 sa 23 ta' din is-sentenza jirriżulta li din il-qorti tqis li qed tintalab tiddeċiedi dwar l-eżistenza ta' differenza fit-trattament bejn il-ħaddiema agrikoli għal żmien determinat u l-ħaddiema agrikoli għal żmien indeterminat u li għaldaqstant hemm lok li dawn it-talbiet għal deċiżjoni preliminari jitressqu quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Fid-dawl tal-ġurisprudenza msemmija fil-punti 26 u 27 ta' din is-sentenza, ma hijiex il-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tqiegħed inkwistjoni din l-evalwazzjoni, mill-qorti tar-rinviju, tas-suġġett tat-tilwim li għad irid jiġi deċiż.

34 Minn dan isegwi li l-argument tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali miġbur fil-qosor fil-punt 32 ta' din is-sentenza ma jistax jiġġustifika l-inammissibbiltà tad-domandi preliminari.

35 Fit-tielet lok, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali jqisu li l-ewwel domanda hija ipotetika u għalhekk inammissibbli billi l-kawżi prinċipali ma jirrigwardawx ir-remunerazzjonijiet tal-ħaddiema agrikoli għal żmien determinat iżda l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali dovuti mill-persuni li jimpjegaw lil dawn il-ħaddiema.

36 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li, skont il-qorti tar-rinviju, il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali li huma s-suġġett tal-kawżi prinċipali huma kkalkolati skont dawn ir-remunerazzjonijiet u, għaldaqstant, jistgħu jaqgħu taħt il-kundizzjonijiet tal-impjieg imsemmija fil-punt 1 tal-klawżola 4 tal-Ftehim qafas. Konsegwentement, l-ewwel domanda preliminari ma hijiex ipotetika sa fejn ir-risposta għal din id-domanda tikkostitwixxi rekwiżit preliminari neċessarju għar-risposta għat-tieni domanda, li, skont il-formulazzjoni tagħha, qed issir biss fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għall-ewwel waħda.

37 Minn dan jirriżulta li d-domandi preliminari huma ammissibbli.

Fuq il-mertu

38 Permezz tad-domandi tagħha li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk il-punt 1 tal-klawżola 4 tal-Ftehim qafas għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali, hekk kif interpretata minn qorti nazzjonali suprema, li bis-saħħa tagħha l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, dovuti minn persuni li jimpjegaw ħaddiema agrikoli għal żmien determinat, huma kkalkolati skont ir-remunerazzjonijiet imħallsa lil dawn il-ħaddiema għas-sigħat ta' xogħol ta' kuljum li huma effettivament ħadmu, filwaqt li l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali dovuti mill-persuni li jimpjegaw ħaddiema agrikoli għal żmien indeterminat huma kkalkolati fuq il-bażi ta' remunerazzjoni stabbilita għal sigħat tax-xogħol ta' kuljum ikkostitwit minn numru ta' sigħat iddefinit minn qabel mid-dritt nazzjonali.

39 Sabiex tingħata risposta għal dawn id-domandi, jeħtieġ, fl-ewwel lok, li jitfakkar li, skont il-klawżola 1 tal-Ftehim qafas, l-għan tiegħu huwa li jtejjeb il-kwalità tax-xogħol għal żmien determinat billi jiżgura l-osservanza tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni u li jistabbilixxi qafas sabiex jipprevjeni l-abbużi li jirriżultaw mill-użu ta' kuntratti jew relazzjonijiet tax-xogħol għal żmien determinat suċċessivi.

40 Minn dan il-Qorti tal-Ġustizzja ddeduċiet li l-Ftehim qafas, b'mod partikolari l-klawżola 4 tiegħu, huwa intiż li japplika l-imsemmi prinċipju għall-ħaddiema għal żmien determinat sabiex jiġi prekluż li relazzjoni ta' impjieg ta' din in-natura tintuża minn persuna li timpjega sabiex iċċaħħad lil dawn il-ħaddiema mid-drittijiet li huma rrikonoxxuti lill-ħaddiema għal żmien indeterminat (sentenza tat-30 ta' Novembru 2023, Ministero dell'Istruzione u INPS, C-270/22, EU:C:2023:933, punt 50 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

41 B'hekk, il-klawżola 4 tal-Ftehim qafas, li għandha effett dirett, tiddikjara, fil-punt 1 tagħha, projbizzjoni li, f'dak li jikkonċerna l-kundizzjonijiet ta' impjieg, il-ħaddiema għal żmien determinat jiġu ttrattati b'mod inqas favorevoli mill-ħaddiema għal żmien indeterminat f'pożizzjoni kumparabbli għas-sempliċi raġuni li huma jaħdmu għal żmien determinat, sakemm ma jkunx iġġustifikat trattament differenti għal "raġunijiet oġġettivi" (sentenza tat-30 ta' Novembru 2023, Ministero dell'Istruzione u INPS, C-270/22, EU:C:2023:933, punt 52 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

42 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni ta' din il-klawżola, minn naħa, mill-punt 1 tal-klawżola 2 tal-Ftehim qafas jirriżulta li dan japplika għall-ħaddiema għal żmien determinat li għandhom kuntratt jew relazzjoni ta' xogħol iddefiniti b'mod partikolari mil-leġiżlazzjoni jew mill-ftehimiet kollettivi fis-seħħ f'kull Stat Membru.

43 F'dan il-każ, ir-relazzjoni ta' xogħol tal-ħaddiema agrikoli għal żmien determinat inkwistjoni fil-kawża prinċipali hija rregolata mil-leġiżlazzjoni Taljana fil-qasam tal-impjieg kif ukoll miċ-CCNL u għalhekk taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim qafas.

44 Min-naħa l-oħra, minn ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-kriterju deċiżiv sabiex jiġi ddeterminat jekk miżura taqax taħt il-kunċett ta' "kundizzjoni tal-impjieg", fis-sens tal-punt 1 tal-klawżola 4 tal-Ftehim qafas, huwa preċiżament dak tal-impjieg, jiġifieri r-relazzjoni ta' xogħol stabbilita bejn ħaddiem u l-persuna li timpjegah (sentenza tal-20 ta' Ġunju 2019, Ustariz Aróstegui, C-72/18, EU:C:2019:516, punt 25 u l-ġurisprudenza ċċitata).

45 Issa, skont il-ġurisprudenza, dan il-kunċett għandu jiġi interpretat fis-sens li jinkludi l-kundizzjonijiet relatati mar-remunerazzjonijiet. B'mod partikolari, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li, fid-determinazzjoni kemm ta' l-elementi li jikkostitwixxu r-remunerazzjoni kif ukoll tal-livell ta' dawn l-elementi, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom japplikaw il-prinċipju ta' non-diskriminazzjoni lill-ħaddiema għal żmien determinat hekk kif stabbilit mill-klawżola 4 tal-Ftehim qafas (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-15 ta' April 2008, Impact, C-268/06, EU:C:2008:223, punti 130 u 134).

46 Konsegwentement, jaqgħu taħt il-kunċett ta' "remunerazzjoni" u għaldaqstant tal-"kundizzjonijiet ta' impjieg", fis-sens tal-klawżola 4 tal-Ftehim qafas, il-pensjonijiet dovuti għar-relazzjoni ta' impjieg li ġġib flimkien lill-ħaddiem u lill-persuna li timpjega, bl-esklużjoni ta' dawk il-pensjonijiet li jirriżultaw minn sistema legali li għall-finanzjament tiegħu l-ħaddiema, il-persuni li jimpjegaw u, possibbilment, l-awtoritajiet pubbliċi jikkontribwixxu b'mod inqas dovut għal tali relazzjoni ta' impjieg u iktar dovut għal kundizzjonijiet ta' politika soċjali (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-15 ta' April 2008, Impact, C-268/06, EU:C:2008:223, punt 131 u l-ġurisprudenza ċċitata, kif ukoll tas-7 ta' April 2022, Ministero della Giustizia *et* (Status tal-Giudici di Pace Taljani), C-236/20, EU:C:2022:263, punt 36). Pensjoni li tikkonċerna biss lil kategorija speċifika ta' ħaddiema, li titħallas minħabba r-relazzjoni ta' xogħol mal-persuna li preċedentement impjegathom, li hija direttament dovuta għaż-żmien ta' servizz imwettaq u li

l-ammont tagħha huwa kkalkolat fuq il-bażi tal-aħħar paga għalhekk tista' taqa' taħt l-imsemmija klawżola 4 (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-10 ta' Ġunju 2010, Bruno *et*, C-395/08 u C-396/08, EU:C:2010:329, punti 46 u 47).

47 F'dan il-każ, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tiddetermina jekk il-kontribuzzjonijiet inkwistjoni fil-kawża prinċipali jikkontribwixxux għall-ħlas ta' benefiċċji ta' sigurtà soċjali pprovduti minn skema professjonali ta' sigurtà soċjali jew pjuttost minn sistema legali ta' sigurtà soċjali. Il-fatt li l-persuni li jimpjegaw għandhom iħallsu l-kontribuzzjonijiet inkwistjoni fil-kawża prinċipali lill-INPS u mhux lill-ħaddiema agrikoli inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma huwiex determinanti f'dan ir-rigward (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-10 ta' Ġunju 2010, Bruno *et*, C-395/08 u C-396/08, EU:C:2010:329, punt 50). Jekk jiġi stabbilit li l-benefiċċji tas-sigurtà soċjali ffinanzjati mill-kontribuzzjonijiet inkwistjoni fil-kawża prinċipali jikkonċernaw biss lill-ħaddiema agrikoli jew lil kategorija ta' ħaddiema li jagħmlu parti minnha, li dawn il-benefiċċji jiddependu direttament minn dawn il-kontribuzzjonijiet u li l-imsemmija kontribuzzjonijiet huma kkalkolati skont ir-remunerazzjonijiet imħallsa lill-ħaddiema agrikoli inkwistjoni fil-kawża prinċipali għax-xogħol imwettaq mal-persuna li timpjegahom, għandu jitqies li dawn l-istess kontribuzzjonijiet jistgħu jaqgħu taħt il-"kundizzjonijiet tal-impjieg", fis-sens tal-imsemmija klawżola.

48 Fit-tielet lok, fir-rigward tal-applikazzjoni tal-punt 1 tal-klawżola 4 tal-Ftehim qafas għall-kundizzjonijiet ta' impjieg tal-ħaddiema għal żmien determinat, għandu jitfakkar li din il-klawżola tikkostitwixxi espressjoni partikolari tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni li jeżiġi li sitwazzjonijiet paragunabbli ma jiġux ittrattati b'mod differenti u li sitwazzjonijiet differenti ma jiġux ittrattati b'mod ugwali, sakemm tali trattament ma jkunx oġġettivament iġġustifikat (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-20 ta' Ġunju 2019, Ustariz Aróstegui, C-72/18, EU:C:2019:516, punt 28 u l-ġurisprudenza ċċitata).

49 Għalhekk, sabiex ħaddiema għal żmien determinat ikunu jistgħu jitolbu li jibbenefikaw mill-punt 1 tal-klawżola 4 tal-Ftehim qafas f'dak li jirrigwarda l-kundizzjonijiet ta' impjieg tagħhom, għandu, inizjalment, jiġi evalwat jekk dawn il-ħaddiema humiex ittrattati b'mod inqas favorevoli mill-ħaddiema għal żmien indeterminat u jekk l-imsemmija ħaddiema humiex imqiegħda f'sitwazzjoni paragunabbli għal dik tal-ħaddiema għal żmien indeterminat. Fir-rigward tal-evalwazzjoni tal-paragunabbiltà tas-sitwazzjonijiet, il-punt 2 tal-klawżola 3 tal-Ftehim qafas jiddefinixxi lill-"ħaddiem kumparabbli permanenti [għal żmien indeterminat]" bħala ħaddiem b'kuntratt jew relazzjoni ta' impjieg għal żmien indefinit, fl-istess stabbiliment, ingaġġat fl-istess xogħol jew xogħol/impjieg simili, wara li tingħata attenzjoni xierqa lill-kwalifiki/kapaċitajiet. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li, sabiex jiġi evalwat jekk il-ħaddiema jeżerċitawx xogħol identiku jew simili, fis-sens tal-Ftehim qafas, għandu jiġi mistħarreġ, konformement mal-punt 2 tal-klawżola 3 u mal-punt 1 tal-klawżola 4 tal-Ftehim qafas, jekk, fid-dawl tal-fatturi kollha, bħan-natura tax-xogħol, il-kundizzjonijiet ta' taħriġ u l-kundizzjonijiet ta' xogħol, dawn il-persuni jistgħux jitqiesu li jinsabu f'sitwazzjoni paragunabbli (digriet tad-9 ta' Frar 2017, Rodrigo Sanz, C-443/16, EU:C:2017:109, punt 38 u l-ġurisprudenza ċċitata).

50 F'dan il-każ, fir-rigward tal-eżistenza ta' trattament inqas favorevoli, jidher, bla ħsara għal verifika mill-qorti tar-rinviju, li teżisti differenza fit-trattament bejn il-ħaddiema agrikoli għal żmien indeterminat u l-ħaddiema agrikoli għal żmien determinat għad-detriment ta' dawn tal-aħħar.

51 Fil-fatt, għall-ħaddiema agrikoli għal żmien determinat, il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali dovuti mill-persuni li jimpjegawhom jidhru li huma kkalkolati, bis-saħħa tal-Artikolu 1 tad-Digriet-Liġi Nru 338/1989, moqri flimkien mal-Artikolu 40(1) taċ-CCNL, skont ir-remunerazzjoni mħallsa għas-sigħat ta' xogħol ta' kuljum li huma effettivament ħadmu, filwaqt li, għall-ħaddiema agrikoli għal żmien indeterminat, dawn l-istess kontribuzzjonijiet jidhru li huma kkalkolati, bis-saħħa ta' dan l-Artikolu 1, moqri flimkien mal-Artikolu 30(1) taċ-CCNL, fuq il-bażi ta' remunerazzjoni stabbilita għal perijodu ta' xogħol ta' kuljum ta' sitt sigħat u nofs. B'hekk, ir-remunerazzjoni u, konsegwentement, il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali għal dawn l-aħħar ħaddiema jidhru li huma kkalkolati fuq il-bażi ta' sigħat tax-xogħol ta' kuljum stabbilit b'rata fissa, jiġifieri b'mod ġenerali u astratt, u mhux skont is-sigħat ta' xogħol effettivament maħduma minnhom kif inhu l-każ għall-ħaddiema għal żmien determinat. Għalhekk, huwa possibbli li, għall-ħaddiema agrikoli għal żmien indeterminat, jitħallsu kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali għal sigħat ta' xogħol mhux imwettqa, filwaqt li għall-ħaddiema agrikoli għal żmien determinat din il-possibbiltà hija eskluża.

52 Din l-evalwazzjoni fir-rigward tal-eżistenza ta' trattament inqas favorevoli tal-ħaddiema agrikoli għal żmien determinat ma hijiex imqiegħda inkwistjoni mill-argumenti tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali bbażati fuq l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' "*pro rata temporis*". Fil-fatt, għalkemm il-punt 2 tal-klawżola 4 tal-Ftehim qafas jipprevedi li dan il-prinċipju għandu japplika "[m]eta approprjat", il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li din il-klawżola sempliċement tenfasizza waħda mill-konsegwenzi li jistgħu jkunu assoċjati, jekk ikun il-każ, taħt l-eventwali stħarriġ tal-qorti, mal-applikazzjoni tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni favur il-ħaddiema għal żmien determinat, mingħajr ma tiġi ppreġudikata b'ebda mod is-sustanza nnifisha ta' dan il-prinċipju (sentenza tal-15 ta' April 2008, Impact, C-268/06, EU:C:2008:223, punt 65).

53 Issa, il-prinċipju ta' "*pro rata temporis*" ma jistax jiġġustifika, f'dan il-każ, l-applikazzjoni ta' metodi ta' kalkolu tan-numru ta' sigħat li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni għall-kalkolu tar-remunerazzjonijiet u tal-kontribuzzjonijiet lil skema professjonali ta' sigurtà soċjali differenti għall-ħaddiema agrikoli għal żmien determinat u għall-ħaddiema agrikoli għal żmien indeterminat ibbażati, għal tal-ewwel, fuq is-sigħat ta' xogħol effettivament maħduma u, għal tat-tieni, fuq numru ta' sigħat ta' xogħol stabbilit b'rata fissa. Fil-fatt, dawn ir-riferimenti temporali distinti għall-kalkolu tar-remunerazzjonijiet u tal-kontribuzzjonijiet għal skema professjonali ta' sigurtà soċjali ma humiex il-konsegwenza tal-applikazzjoni tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni u jiżvantaġġaw lill-ħaddiema agrikoli għal żmien determinat.

54 Barra minn hekk, fir-rigward tal-paragunabbiltà tas-sitwazzjonijiet inkwistjoni, fid-dawl tal-elementi tal-proċess għad-dispożizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja, jidher li l-ħaddiema agrikoli għal żmien indeterminat u l-ħaddiema agrikoli għal żmien determinat jinsabu f'sitwazzjoni paragunabbli. B'mod partikolari, il-fatt li l-Artikolu 18(a) taċ-CCNL jiddefinixxi lil dawn il-ħaddiema tal-aħħar bħala ħaddiema li huma impjegati b'mod partikolari "sabiex jissostitwixxu ħaddiema assenti li għandhom id-dritt għaż-żamma tal-impjieg" jindika li l-ħaddiema agrikoli għal żmien determinat u l-ħaddiema agrikoli għal żmien indeterminat jeżerċitaw xogħol identiku jew simili. Madankollu, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tikkonferma din l-evalwazzjoni billi tieħu inkunsiderazzjoni l-fatturi rilevanti kollha kif imsemmija fil-punt 49 ta' din is-sentenza.

55 Sa fejn, f'dan il-każ, il-kundizzjonijiet imsemmija fil-punt 49 ta' din is-sentenza huma ssodisfatti, jeħtieġ, sussegwentement, li jiġi evalwat jekk it-trattament inqas favorevoli tal-ħaddiema agrikoli għal żmien determinat meta mqabbla mal-ħaddiema agrikoli għal żmien indeterminat huwiex iġġustifikat minn "bażi oġġettiva", hekk kif iddikjarat fil-punt 1 tal-klawżola 4 tal-Ftehim qafas.

56 F'dan ir-rigward, minn ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-kunċett ta' "raġunijiet oġġettivi" jeħtieġ li l-inugwaljanza fit-trattament ikkonstatata tkun iġġustifikata mill-eżistenza ta' elementi preċiżi u konkreti, li jikkaratterizzaw il-kundizzjoni ta' impjieg ikkonċernat, fil-kuntest partikolari tiegħu u fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi u trasparenti, sabiex jiġi vverifikat jekk din l-inugwaljanza tissodisfax bżonn veru, hijiex adattata sabiex jintlaħaq l-għan imfittex u hijiex neċessarja għal dan il-għan. L-imsemmija elementi jistgħu jirriżultaw, b'mod partikolari, min-natura partikolari tal-kompiti li għat-twettiq tagħhom ikunu ġew konklużi kuntratti għal żmien determinat kif ukoll mill-karatteristiċi inerenti għalihom jew, jekk ikun il-każ, mit-tfittxija ta' għan leġittimu ta' politika soċjali ta' Stat Membru (digriet tad-9 ta' Frar 2017, Rodrigo Sanz, C-443/16, EU:C:2017:109, punt 45 u l-ġurisprudenza ċċitata).

57 Is-sempliċi fatt li din id-differenza hija prevista minn regola nazzjonali ġenerali u astratta, bħal liġi jew ftehim kollettiv, ma jikkostitwixxix "bażi oġġettiva", fis-sens tal-punt 1 tal-klawżola 4 tal-Ftehim qafas, ta' natura li tiġġustifika differenza fit-trattament bejn il-ħaddiema għal żmien determinat u l-ħaddiema għal żmien indeterminat (sentenza tas-7 ta' April 2022, Ministero della Giustizia *et* (Status tal-Giudici di Pace Taljani), C-236/20, EU:C:2022:263, punt 40, kif ukoll id-digriet tad-9 ta' Frar 2017, Rodrigo Sanz, C-443/16, EU:C:2017:109, punt 42 u l-ġurisprudenza ċċitata).

58 Barra minn hekk, differenza fit-trattament għal dak li jirrigwarda l-kundizzjonijiet tal-impjieg tal-ħaddiema għal żmien determinat u ħaddiema għal żmien indeterminat ma tistax tiġi ġġustifikata bi kriterju li, b'mod ġenerali u astratt, jirreferi għat-tul stess tal-impjieg. Li jiġi ammess li s-sempliċi natura temporanja ta' relazzjoni ta' impjieg hija suffiċjenti sabiex tiġġustifika tali differenza jkun ifisser li s-sustanza tal-għanijiet tad-Direttiva 1999/70 u tal-Ftehim qafas tiġi eżawrita. Minflok itejjeb il-kwalità tax-xogħol għal żmien determinat u jippromwovi l-ugwaljanza fit-trattament imfittxija kemm mid-Direttiva 1999/70 kif ukoll mill-Ftehim qafas, l-użu ta' kriterju bħal dan ikompli jipperpetwa ż-żamma ta' sitwazzjoni sfavorevoli għall-ħaddiema għal żmien determinat (digriet tad-9 ta' Frar 2017, Rodrigo Sanz, C-443/16, EU:C:2017:109, punt 44 u l-ġurisprudenza ċċitata).

59 F'dan il-każ, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali invokaw bħala raġunijiet oġġettivi li jiġġustifikaw it-trattament iddifferenzjat tal-ħaddiema agrikoli għal żmien determinat meta mqabbla mal-ħaddiema agrikoli għal żmien indeterminat il-fatt li, kif jirriżulta mill-Artikolu 18(a) taċ-CCNL, tal-ewwel huma impjegati sabiex iwettqu xogħol għal żmien qasir, xogħol staġjonali jew okkażjonali, għal fażijiet ta' xogħol jew sabiex jissostitwixxu ħaddiema assenti. Għalhekk, ir-raġunijiet li għalihom huma impjegati għal żmien determinat u li huma marbuta mal-ispeċifiċitajiet tax-xogħol agrikolu jiġġustifikaw li dawn il-ħaddiema ma jkunux neċessarjament għad-dispożizzjoni tal-persuna li timpjega għal sitt sigħat u nofs kuljum jew 39 siegħa fil-ġimgħa. Din l-evalwazzjoni hija konformi mat-tielet paragrafu tal-preambolu tal-Ftehim qafas, li skontu l-Ftehim qafas jiddikjara l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġiet minimi relatati max-xogħol għal żmien determinat, waqt li jirrikonoxxi li l-applikazzjoni ddettaljata tagħhom għandha tieħu inkunsiderazzjoni r-realtajiet tas-sitwazzjonijiet speċifiċi nazzjonali, settorali u staġjonali. Issa, fl-Italja, 90% tal-ħaddiema agrikoli huma impjegati għal żmien determinat fid-dawl tan-natura temporanja u mhux kontinwa tal-kompiti li għandhom jitwettqu fis-settur agrikolu.

60 Madankollu, fid-dawl tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punti 57 u 58 ta' din is-sentenza, għandu jiġi kkunsidrat li dawn ir-raġunijiet ma jikkostitwixxux raġunijiet oġġettivi li jippermettu li jiġi ddifferenzjat it-trattament tal-ħaddiema agrikoli inkwistjoni ġaladarba dawn huma bbażati biss fuq it-tul innifsu tal-impjieg. Fil-fatt, għalkemm ir-rikorrenti jsostnu li jeżistu kunsiderazzjonijiet

li jiġġustifikaw li l-ħaddiema impjegati għal żmien determinat ma jkunux neċessarjament għad-dispożizzjoni tal-persuna li timpjega matul sitt sigħat u nofs kuljum jew 39 siegħa fil-ġimgħa u li, konsegwentement, kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali jitħallsu biss għan-numru ta' sigħat ta' xogħol li huma effettivament wettqu matul ġurnata, min-naħa l-oħra, tali argumenti ma jispjegawx għalfejn, għall-ħaddiema għal żmien indeterminat, li jwettqu xogħol identiku jew simili għal dak ta' ħaddiem għal żmien determinat, il-ħin tax-xogħol huwa ffissat b'mod obbligatorju għal 39 siegħa fil-ġimgħa bil-konsegwenza li kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali li jikkorrispondu għal sitt sigħat u nofs ta' xogħol kuljum għandhom jitħallsu indipendentement min-numru ta' sigħat ta' xogħol effettivament maħduma f'ġurnata.

61 Fl-assenza ta' raġunijiet oġġettivi, għandu jiġi kkonstatat li l-punt 1 tal-klawżola 4 tal-Ftehim qafas jipprekludi d-differenza fit-trattament fil-qasam tar-remunerazzjonijiet u tal-kontribuzzjonijiet għal skema professjonali ta' sigurtà soċjali kkalkolati fuq il-bażi ta' dawn ir-remunerazzjonijiet bejn ħaddiema agrikoli għal żmien determinat u ħaddiema agrikoli għal żmien indeterminat bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

62 Fid-dawl tar-raġunijiet kollha preċedenti, jeħtieġ li r-risposta għad-domandi magħmula tkun li l-punt 1 tal-klawżola 4 tal-Ftehim qafas għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali, hekk kif interpretata minn qorti nazzjonali suprema, li bis-saħħa tagħha l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, dovuti minn persuni li jimpjegaw ħaddiema agrikoli għal żmien determinat bil-għan li jiffinanzjaw benefiċċji ta' skema professjonali ta' sigurtà soċjali, huma kkalkolati skont ir-remunerazzjonijiet imħallsa lil dawn il-ħaddiema għas-sigħat ta' xogħol ta' kuljum li huma effettivament ħadmu, filwaqt li l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali dovuti mill-persuni li jimpjegaw ħaddiema agrikoli għal żmien indeterminat huma kkalkolati fuq il-bażi ta' remunerazzjoni stabbilita għal sigħat tax-xogħol ta' kuljum b'rata fissa, kif stabbilit mid-dritt nazzjonali, indipendentement mis-sigħat effettivament maħduma.

Fuq l-ispejjeż

63 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, minbarra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Għaxar Awla) taqta' u tiddeċiedi:

Il-punt 1 tal-klawżola 4 tal-Ftehim qafas dwar xogħol għal terminu fiss, konkluż fit-18 ta' Marzu 1999 li jinsab fl-Anness tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 dwar il-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u mis-CEEP,

għandu jiġi interpretata fis-sens li:

jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali, hekk kif interpretata minn qorti nazzjonali suprema, li bis-saħħa tagħha l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, dovuti minn persuni li jimpjegaw ħaddiema agrikoli għal żmien determinat bil-għan li jiffinanzjaw benefiċċji ta' skema professjonali ta' sigurtà soċjali, huma kkalkolati skont ir-remunerazzjonijiet imħallsa lil dawn il-ħaddiema għas-sigħat ta' xogħol ta' kuljum li huma effettivament ħadmu, filwaqt li l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali dovuti mill-persuni li jimpjegaw ħaddiema agrikoli

għal żmien indeterminat huma kkalkolati fuq il-bażi ta' remunerazzjoni stabbilita għal sigħat tax-xogħol ta' kuljum b'rata fissa, kif stabbilit mid-dritt nazzjonali, indipendentement mis-sigħat effettivament maħduma.

Firem